# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

*Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)*

---

**Illum 22 ta' Settembru 2020**

Appell numru 59 tal-2018

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Stephen ZAMMIT**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-14 ta' Frar 2018 fil-konfront ta' Stephen ZAMMIT detentur tal-karta tal-identità bin-numru 315975M fejn ġie mixli:

   Talli nhar it-2 t'April 2013 gewwa Santa Venera bejn it-7.45 pm u 17.30 pm ikkommetta serq ta' ghoddod minn gewwa l-vettura EAU 486 ghad-dannu ta' Nazzareno Busuttil u/jew persuni ohra liema serq jeccedi l-mitejn u disgha u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (Euro 239.24) u ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta hsara volontarja fuq il-vettura EAU 486 ghad-dannu ta' Nazzareno Busuttil liema hsara ma teccedix il-50 Euro.
Talli sar ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali b'diversi sentenzi liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant, rat il-Liġi senjatament Artikoli 17(b)(h), 31, 49, 50, 261(b)(c)(g), 263, 267, 271, 278(3), 279(a) 280(2) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, rat l-atti u d-dokumenti kollha, u semgħet ix-xhieda mressqa quddiemha, stqarret illi :

'Fir-relazzjoni tieghu Mallia jiddetermina li minn ezami komparattiv bejn l-ewwel (1) impronta 13 AZF 301 u l-impronti tal-imputat rrizultaw '*erbatax (14) il-punt karatteristiku identiku u ko-ordinati ma xulxin ...It-tikkek ta' lewn ahmar juru sebgha u ghoxrin (27) punt karatteristiku* ...**mas-saba' tan-nofs tal-id ix-xellugija tal-imputat**. Dwar l-ewwel (1) impronta 13 AZF 302 elevata bil-lifter 13 AZF 302 u l-impronti tal-imputat rrizultaw '*It-tikkek ta' lewn ahmar juru tmienja u tletin (38) punt karatteristiku identiku identiku u ko-ordinati ma xulxin*' mas-saba l-werrej tal-id il-leminija tal-imputat. Fl-ahhar nett rigward it-tieni (2) impronta dokument 13 AZF 302 u l-impronti tal-imputat rrizultaw '*seba u tletin (37) punt karatteristiku identiku identiku u ko-ordinati ma xulxin*' **ma mas-saba tan-nofs tal-id il-leminija tal-imputat**.

Issir referenza ghas-sentenza **il-Pulizija vs Nazzareno sive Reno Zarb** tal-Qorti tal-Appell Kriminali :

Illi gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali **'Il-Pulizija vs Anthony Abela'** (28.5.1998) li l-prova tal-fingerprint ghandha tkun sufficjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova u legalment mhux necessarju li jkun hemm xi korroborazzjoni ta' din il-prova billi l-istess prova wahedha ghandha twassal ghall-htija tal-persuna akkuzata. Il-Qorti pero kienet ghamlet distinzjoni bejn fingerprints li jinstabu f'postijiet pubblici bhal hwienet, knejjes, cinematografi, hwienet tax-xorb, diskoteki, ecc, li fihom imorru hafna nies u fingerprints li jinstabu f'xi dar ta' residenza. Il-Qorti qalet hekk fir-rigward :-

'Kienet tkun haga ferm differenti li kieku l-post derubat kien xi residenza privata u jigi stabbilit li s-suspettat, li insabu l-impronti digitali tieghu fuq il-post, qatt ma kien dahal fih u li d-derubat qatt ma kien jafu jew li kien dahallu fir-residenza tieghu. F'dan il-kaz il-prova tal-fingerprints wahedha hija sufficjenti biex il-Qorti issib htija'....Illi **l-ARCHBOLD** 'Criminal Pleading, Evidence and Practice' (2001 edit) (pagna 1348) jghid :- 'A person may be identified by fingerprints alone' : **R v Castleton**, 3 Cr. App. R74 CCA.'

Kif anki ddikjarat il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza taghha **il-Pulizija vs Kenneth Ellul** meta din il-Qorti qiset il-valur probatorju ta' impronti digitali:

F'dan l-istadju l-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Paul Spagnol**. F'din is-sentenza l-Qorti rriferiet ghas-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Vincent Calleja** fejn inghad :

'L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja - 'circumstantial evidence' - u kif qal Lord Salmon fil-kaz **DPP v Kilbourne** (1973) AC 729 p758 '...works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities'. Il-kwisjtoni kollha hi mhux jekk l-impronta nstabitx f'post pubbliku jew f'post privat u anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lil gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi att li jammontaw ghall-anqas ghal tenattiv ta' dak ir-reat.' (**Il-Pulizija vs Noel Frendo** deciza 30 ta' Novembru 2004 - Appelli Kriminali Inferjuri)'.

Imbaghad il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kompliet hekk :

'Illi ghalhekk wiehed jistaqsi, dina l-prova wahedha hija sufficjenti sabiex wiehed jikkonkludi illi l-imputat kien involut f'dina s-serqa ? Illi huwa principju rassodat illi l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu hemm diretti kif ukoll indizjali, izda dawn tal-ahhar iridu jkunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u jridu ikunu sufficjenti tali biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat'.

Fuq dan l-insenjament u warali gew ezaminati r-rizultanzi processwali minn fejn irrizulta li:

- l-impronti tal-imputat instabu fuq il-bieba li giet sgassata, <u>izda aktar importanti li</u>

- l-impronti tal-imputat instabu fuq il-hgiega fuq in-naha ta' gewwa tal-bieba li giet sgassata;
- l-imputat cahad li qatt kien hdejn il-vettura tant li qal li ma kienx possibbli li nstabu fuqha l-impronti digitali tieghu!

  iwasslu lill-Qorti ssib l-imputazzjoni migjuba mill-Prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputat ppruvata sal-grad rikjest mill-ligi.

  Illi t-tieni imputazzjoni hija mezz ghall-fini ghall-ewwel imputazzjoni.

  Illi l-Ispettur James Grech esebixxa zewg sentenzi fil-konfront tal-imputat li nghataw nhar it-13 ta' Lulju 2009 u fit-18 ta' Jannar 2010; din tal-ahhar tipprova biss ir-ricediva ai termini tal-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali. Il-konnotati tal-imputat jirrizultaw ampjament minn dawn is-sentenzi. Ghalhekk gie ppruvat ukoll l-addebitu tar-ricediva.

  Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li qed tinstab htija dwaru, tal-fedina penali voluminuza tieghu, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inter alia tal-fatt li ma gharrafx jisfrutta opportunitajiet moghtija lilu sabiex jirriforma ruhu.'

3. Għal dawn il-motivi l-Qorti sabet lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu, u kkundannatu għall-piena ta' tmienja u għoxrin xahar priġunerija. Inoltre bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat lil ħati li jħallas l-ammont ta' sitt mija u euro, tmienja u ħamsin ċenteżmu (€601.58) rappreżentanti l-ispejjeż peritali.

4. Illi minn din is-sentenza Stephen ZAMMIT interpona appell permezz ta′ rikors datat 21 ta' Frar 2018 fejn talab li s-sentenza hawn fuq imsemmija tiġi riformata billi tiddikjara lill-appellanti mhux ħati tal-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu u fin-nuqqas tagħti piena aktar xierqa għaċ-ċirkostanzi, wara li saħaq is-segwenti: -

Illi l-ewwel aggravju huwa li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma messitx sabitu hati tal-addebiti fil-konfront tieghu. Subordinatament kellu jinghata piena iktar xierqa ghac-cirkostanzi....

Konsiderazzjonijiet Legali

vii. L-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet is-segwenti riferenzi (korretti) ghal giudikati min mertu :

Il-Pulizija vs Nazzareno sive Reno Zarb tal-Qorti tal-Appell Kriminali : Illi gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali **'Il-Pulizija vs Anthony Abela'** (28.5.1998) li l-prova tal-fingerprint ghandha tkun sufficjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova u legalment mhux necessarju li jkun hemm xi korroborazzjoni ta' din il-prova billi l-istess prova wahedha ghandha twassal ghall-htija tal-persuna akkuzata. Il-Qorti pero kienet ghamlet distinzjoni bejn fingerprints li jinstabu f'postijiet pubblici bhal hwienet, knejjes, cinematografi, hwienet tax-xorb, diskoteki, ecc, li fihom imorru hafna nies u fingerprints li jinstabu f'xi dar ta' residenza. Il-Qorti qalet hekk fir-rigward :-
'Kienet tkun haga ferm differenti li kieku l-post derubat kien xi residenza privata u jigi stabbilit li s-suspettat, li insabu l-impronti digitali tieghu fuq il-post, qatt ma kien dahal fih u li d-derubat qatt ma kien jafu jew li kien dahallu fir-residenza tieghu. F'dan il-kaz il-prova tal-fingerprints wahedha hija sufficjenti biex il-Qorti issib htija'. Deciza fil-31.08.2016 mill-Onor. Imhallef Dr Joseph Galea Debono; App Krim Nru 108/2006

Dik is-sentenza kienet kompliet : Illi kif gie ritenut ukoll minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : 'Il-Pulizija vs Vincent Calleja' (7.3.2002) il-ligi taghna ma tistabilix il-kriterji ta' numru ta' '*matching points*' jew '*points of comparison*' li ghandhom jinstabu fuq il-post tad-delitt jew xi repert iehor ma dawk tal-persuna suspettata. Fil-prattika pero il-Pulizija ghall-biex tmexxi l-investigazzjoni ulterjorment il'quddiem, tistrieh fuq 9 points. Izda qabel ma tmur il-Qorti tkun trid li jkollha mill-inqas erbatax (14) il-'point of comparison'. BLACKSTONES - CRIMINAL PRACTICE (2001 edit) (pagna 2311-2312) jghid testwalment hekk : ''*Properly presented fingerprint evidence has long been accepted as providing sufficient identification, but*, in a case which depends wholly on such evidence, it is clearly essential that the defendant is linked to the relative prints by admissible evidence (Chappell vs DPP (1988) 89 Cr App R 82). Fingerprint experts used to seek at least 16 matching ridge characteristics between the suspect's print and the rime print before asserting that the prints come from the same person, but this has never been a strict legal requirement, and Courts have a discretion to admit evidence based on fewer matching characteristics. See for example BUCKLEY (1999) 163 JP 561, in which the Court of Appeal upheld a robbery conviction following a trial at which the appellant was identified on the basis of a mere nine-point match. Rose LI said :

*'Fingerprint evidence, like any other evidence, is admissible...if it tends to prove the guilt of the accused. It may so tend, even if there are only a few similar ridge characteristics, but is may, in such case, have little weight. It may be excluded in the exersice of judicial discretion, if its prejudicial effect outweighs its probative.'*

Kif anki ddikjarat il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza taghha il-Pulizija vs Kenneth Ellul meta din il-Qorti qiset il-valur probatorju ta' impronti digitali : F'dan l-istadju l-Qotti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizja vs Paul Spagnol. F'din is-sentenza l-Qorti rreferiet ghas-sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs Vincent Calleja fejn inghad : 'L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja - 'circumstantial evidence' - u kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v Kilbourne (1973) AC 729 p758 '...works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities'. Il-kwisjtoni kollha hi mhux jekk l-impronta nstabitx f'post pubbliku jew f'post privat u anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lil gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi att li jammontaw ghall-anqas ghal tenattiv ta' dak ir-reat.' (**Il-**Pulizija vs Noel Frendo deciza 30 ta' Novembru 2004 - Appelli Kriminali Inferjuri)'.

Imbaghad il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kompliet hekk : '*Illi ghalhekk wiehed jistaqsi, dina l-prova wahedha hija sufficjenti sabiex wiehed jikkonkludi illi l-imputat kien involut f'din is-serqa ? Illi huwa principju rassodat illi l-provi fil-Kamp Kriminali jistghu ikunu kemm diretti kif ukoll indizjali, izda dawn ta' l-ahhar iridu jkunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u jridu jkunu sufficjenti tali biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragonevoli mir-reita' ta' l-imputat.'* Deciza 9 ta' Mejju 2016 per Onor. Magistrat Dr Josette Demicoli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza 15 ta' Mejju 2013.

viii. Fuq l-iskorta ta' dan l-insenjament l-Ewwel Onor. Qorti kkonkludiet li r-rizultanzi fattwali :

- l-impronti tal-imputat instabu fuq il-bieba li giet sgassata, <u>izda aktar importanti li</u>
- l-impronti tal-imputat instabu fuq <u>il-hgiega fuq in-naha ta' gewwa </u>tal-bieba li giet sgassata;
- l-imputat cahad li qatt kien hdejn il-vettura tant li qal li ma kienx possibbli li nstabu fuqha l-impronti digitali tieghu!

iwasslu lill-Qorti ssib l-imputazzjoni migjuba mill-Prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputat ppruvata sal-grad rikjest mill-ligi.

ix. L-aggravju tal-appellanti huwa proprju li dawn il-konkluzjonijiet kellhom iwasslu sabiex l-Ewwel Onor. Qorti tillibera lill-appellanti minhabba l-fatt li l-presenza ta' fingerprint wahda ma kinitx tkun bizzejjed li twassal ghal htija tal-appellanti.
x. Huwa fatt stabilit illi nstabu diversi fingerprints fil-vettura de quo.
xi. Dawn il-fingerprints jew ma gewx identifikati jew ma kinux tajjeb ghal uzu tal-esperti.
xii. Dan il-fatt ma giex ezaminat mill-Ewwel Onor. Qorti.
xiii. Illi ghalhekk il-htija tal-appellanti hija kollha kemm hi bbazata fuq il-fingerprint wahdani li nstab kif fuq inghad.
xiv. Illi l-Ewwel Onor. Qorti ghamlet analizi skoretta tat-temi legali applikabbli - primarjament illi fingerprint wiehed jaf ikun bizzejjed tenut kont tac-cirkostanzi.
xv. Illi c-cirkostanza li fuqha bbazat il-htija l-Ewwel Onor. Qorti ma kinitx biss il-fingerprint izda kienet ukoll (krucjalment) illi emmnet lill-vittma illi l-appellanti qatt ma rikeb fil-vettura mieghu.
xvi. L-appellanti ripetutament iddikjara li rikeb mall-vittma kemm il-darba u kien ghalhekk naturali li jkun hemm fingerprint wahdani tieghu.
xvii. Dana jaghmel sens meta jsir analizi fattwali tal-presenza tal-fingerprint.
xviii. Interpretazzjoni tal-fatti twassal ghal konkluzjoni ohra - li ssib fingerprint wiehed huwa accettabbli meta jkun hemm serq ta' din il-kwalita' - jigifieri : legittimament wiehed jistaqsi l'ghala ma kienx hemm iktar minn fingerprint wiehed fil-vettura. Dana tenut kont li s-serratura tal-vettura kienet sgassata u l-ghodod ma kinux fuq is-seat tax-xufier.
xix. Ghalhekk dawn huma l-fatti li ghandhom, fuq il-principju li l-Prosekuzzjoni ghandha taghmel prova lil hinn minn kull dubju, jimmilitaw favur l-appellanti billi jikkrejaw dubju ragonevoli.
xx. Subordinament u bla pregudizzju ghas-suespost l-Ewwel Onor. Qorti messha akkordat piena aktar xierqa ghac-cirkostanzi tenut kont anki tal-perjodu ta' community service li ghamel l-appellanti.

***Ikkunsidrat : -***

5. Illi qabel xejn irid jiġi rilevat li kwantu għat-tieni imputazzjoni – dak tal-ħsara volontarja kommessa mill-ħalliel sabiex ikun jista' jiżgassa l-bieba u jidħol fil-karozza biex minnha jisraq l-affarijiet - fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Maġistrati stqarret li din kienet mezz għall-fini għall-ewwel imputazzjoni, u la ddikjarat lill-appellant

ħati jew mhux ħati tagħha u l-anqas ma ċċitat l-artikolu tal-Liġi li jikkontempla dan ir-reat.

6. Il-posizzjoni legali dwar dan il-punt ġiet iċċarata fis-sentenza li kienet ġiet ċitata minn dik il-Qorti stess, fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Vincent Calleja***, deċiża fis-7 ta' Marzu 2002 mill-Imħallef Joseph Galea Debono. F'dik is-sentenza kien intqal hekk :-

> Illi dwar l-ewwel aggravju tal-appellant, dan ghandu jiftiehem li ir-reat ta' danni volontarji kontemplat fit-raba' akkuza dedotta kontra l-appellant , serva biss bhala mezz ghall-fini u ghalhekk -biss ghall-fini ta' piena - kellu jigi kompriz u involut fil-ewwel zewg akkuzi ta' serq, dan l-aggravju jimmerita certa konsiderazzjoni, ghaliex, ovvjament, jekk il-hsara riskontrata kienet limitata biss ghall-fatt tal-isgass fuq l-aperturi tad-djar koncernati dan l-aggravju ikun fondat. Jekk invece jirrizulta li min dahal biex jisraq, ghamel hsara ohra bla bzonn u mhux necessarjament biex jikseb access ghall-fond, allura ir-reat jista' jikkonfigura ruhu xorta wahda "on its own merits" u ma jkunx jista' jigi invokat l-beneficcju tal-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali. Dan is-sub-inciz jiddisponi :-
>
> "meta zewg reati jew izjed , li flimkien ma jaghmlux delitt ikkwalifikat, iservu bhala mezz biex isir reat iehor, sew ikkwalifikat jew semplici, ghandha tinghata il-piena ghar-reat l-aktar gravi ."
>
> **Mid-dicitura tal-ligi johrog car, li fejn jinholqu dawn ic-cirkostanzi, mhux ma jkunx hemm htija, izda ghall-fini tal-piena biss, din tigi assorbita f' dik tar-reat aktar gravi, imma r-reat per se jissussisti imma l-piena tieghu tigi assorbita f'piena ohra akbar**.[1] Fil-kliem tal-Professur Sir Anthony Mamo (Notes on Criminal Law - Part I , p. 167 (1963 edit.) :-
>
> "..where the two or more offences do not constitute together an aggravated crime (e.g. bodily harm for the purpose of theft - theft aggravated by violence ) and are linked to one another by the nexus of means to an end , then although each of the several offences , retains its specific identity, only

[1] Enfażi miżjuda minn din il-Qorti.

the punishment provided for the greater offence can be awarded.This is the application of the method of "assorbimento".[2]

7. Jiġifieri, l-Qorti tal-Maġistrati kellha tiddeċiedi jekk fiċ-ċirkostanzi tal-każ kienx hemm provi biżżejjed sabiex tkun tista' ssib il-ħtija fl-imputat fir-rigward tal-ħsara volontarja billi tanalizza jekk tkun saretx tali ħsara u f'xiex tali ħsara tkun tikkonsisti. Jekk dik il-ħsara kienet ħsara marbuta biss u limitatament mal-iżgass tal-apertura sabiex tkun tista' tiġi sfurzata miftuħa l-apertura biex il-malvivent jottjeni aċċess għall-ambjent li minnu jrid jisraq l-effetti mobbli, allura l-ħsara tkun saret volontarjament xorta waħda, u l-malvivent ikun ħati tar-reat tal-ħsara volontarja wkoll. Iżda għall-fini tal-piena biss, dan ir-reat tal-ħsara volontarja jiġi assorbit fir-reat aktar gravi tas-serq kwalifikat. Ir-reat tal-ħsara volontarja jissussisti iżda

[2]Din is-sentenza tkompli tgħid hekk : -

Illi fil-kaz tal-ewwel serqa u cioe' dik mill-fond , 100, Triq Fleur de lys , Birkirkiara, jidher mill-atti tal-process verbal , li il-hsara kagunata kienet relatata u intiza biss ghall-fini tal-isgass. Di fatti giet stmata biss fl-ammont ta' tnax il-lira (LM12) mill-espert tal-Qorti William Cassar Torreggiani (fol.30-31 tal-process verbal relattiv) u jidher li kienet tikkoncerna biss il-hsara fuq il-bieb ta' barra , il-paranta u s-serratura tieghu . Ghalhekk f'dan l-kaz il-hsara kienet sinonima mall-kwalifika tal-"mezz" tar-reat tas-serq u kommessa ghall-istess fini.

L-istess pero' ma jistax jinghid fil-kaz tat-tieni allegata serqa inkluza ukoll fir- raba' imputazzjoni u cioe' dik mill-fond "il-Gallarija, San Pawl tat-Targa , proprjeta' tal-Magistrat Patrick Vella . Di fatti , mir-rapport tas-surveyor tal-assikurazzjoni tal-Magistrat Vella , George Bonnici , minnu konfermat bil- gurament, jirrizulta testwalment (a fol.29 u 30 tal-process ) li :-

"A certain degree of malicious damage was made by the thieves during their break -in", u l-espert tal-Qorti Alfred P. Camenzuli , fix-xhieda tieghu (fol. 18 u 19 tal-process ) xehed testwalment :-

"Ghar-rigward tal-hsara, barra aperturi, kien hemm ukoll hsarat konsiderevoli ta' ghamara tal-kewba antika specjalment f'dik tal-kamra tal- pranzu li kien fiha hafna grif u kien jinhtieg din li issirilha polish mill-gdid kollha kemm hi"

Ara ukoll fol. 31 u 32 tal-process verbal dwar is-serq mid-dar tal-Magistrat Patrick Vella. u fol-35 tal-istess fejn il-hsara giet stmata ghas-somma ta' cirka elfejn lira (LM2000) . Ma tikkagunax elfejn lira hsara biex tisgassa bieb u tidhol f'dar.

Ghalhekk, fil-waqt li dan l-aggravju kif qed tifmhu u tinterpretah din il-Qorti huwa fondat biss ghal dak il-parti tar-raba' imputazzjoni li tirrigwarda il-hsara fil-propjeta' fil-fond 100, Fleur de lys , Birkirkara, hu manifestament infondat u il-boghod mir-rizultanzi ghal dak li jirrigwarda il-fond "Il-Gallarija" San Pawl tat- Targa, fejn oltre il-hsara fl-aperturi konnessa mall-isgass, saret hsara ohra bla bzonn u vendikattiva li b'ebda mod ma ghenet jew wasslet biex issir is-serqa. Ghalhekk ir-raba akkuza tirrizulta ukoll pruvata pero', biss ghal dik il-parti tal- akkuza li tirrigwarda il-fond "Il-Gallarija" , San Pawl tat-Targa .

l-piena tiegħu tiġi assorbita fil-piena akbtar tar-reat maġġuri tas-serq kwalifikat.

8. Dan ifisser li f'dan il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati, jekk mill-provi kienet konvinta li l-appellant ikkaġuna l-ħsara volontarja bl-iżgass tiegħu u b'hekk qieset *it-tieni imputazzjoni hija mezz għall-fini għall-ewwel imputazzjoni* allura hija kellha ssib lill-appellant ħati tar-reat taħt it-tieni imputazzjoni u kif ukoll tikkwota l-artikolu tal-Liġi li jikkontempla dan ir-reat skont dak li jippreskrivi l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali.

9. Peress li dan ma seħħx, allura din il-Qorti hija kostretta li, fit-termini ta' dak mgħallem fl-appell kiminali ***Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi*** tas-6 ta' Jannar 2005 tissolleva *ex officio* in-nullita tas-sentenza appellata.

10. Għaldaqstant din il-Qorti għall-motivi premessi, qegħdha tannulla s-sentenza appellata parzjalment, u f'dan il-każ, wara li rat l-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali tipproċedi biex tiddeċiedi l-kawża fil-meritu b'dan li l-aggravji qegħdin jiġu kunsidrati bħala sottomissjonijiet fuq il-meritu tal-każ.

***Ikkunsidrat : -***

11. Illi għal dak li jirrigwarda l-fattispeċi ta' dan il-każ irriżulta illi nhar it-2 ta' April 2013 il-Pulizija rċevew rapport mingħand Nazzareno Busuttil li għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħaxija kien induna illi kienu naqsulu diversi għodod mill-vettura tiegħu, u dan filwaqt illi kienet ipparkjata fi Triq Braille, Santa Venera. Skond il-kwerelant il-valur ta' dawn l-oġġetti misruqa kien iqarreb l-ammont ta' madwar seba mija u ħamsin euro (€750). In oltre, sab is-serratura tal-vettura tiegħu sgassata, li bħala ħsarat kellhom il-valur ta' madwar ħamsin euro (€50). Il-Pulizija kienu elevaw xi impronti minn fuq il-vann ta' Busuttil fejn wara li dawn ġew analizzati, wħud minnhom irriżultaw illi qablu ma dawk tal-appellant.

12. Madankollu, meta l-Pulizija tkellmu mal-appellant hu ċaħad li kien involut f'din is-serqa.

***Ikkunsidrat : -***

13. Illi in suċċint l-argument tal-appellant huwa bażat fuq żewġ binarji–

(a) li l-Prosekuzzjoni ma resqitx provi biżżejjed li fuqhom setgħet tiġi bażata l-ħtija tal-appellant - u dan peress illi kien hemm biss impronta waħda li kienet tikkombaċċja ma tiegħu fuq vettura illi kienet ipparkjata f'post pubbliku;

(b) kif ukoll minħabba l-fatt illi l-prosekuzzjoni naqset milli ġġib il-prova illi hu kien fil-fatt responsabbli għal din is-serqa.

14. L-appellant jgħid ukoll illi l-kwerelant seta' fil-fatt nesa illi l-appellant kien rikeb miegħu fil-karozza li seta' jiġġustifika l-impronta li nstabet.

15. Imbagħad l-appellant talab lil Qorti tvarja l-piena għal waħda aktar idoneja fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

***Ikkunsidrat : -***

16. Illi l-appellant ġie mixli bir-reat ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur u bix-xorti ta' ħaġa misruqa; bil-ħsara volontarja kkawżata fuq is-serratura tal-vettura li ma kinitx teċċedi l-€50, liema ħsara saret bħala mezz għal fini tas-serqa indikata fl-ewwel imputazzjoni; kif ukoll bl-addebitu tar-reċidiva taħt l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.

17. Id-definizzjoni ta' serq adottata mill-Qrati Maltin hija dik proposta mill-Carrara, jiġifieri l-kontrettazzjoni doluża ta' oġġett li jappartjeni lil ħaddieħor akkwistat b'mod frawdolenti bil-ħsieb li jagħmel il-qliegħ mir-res furtiva[3]. Skond il-Professur Mamo din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita' ta' ħames elementi li lkoll iridu jiġu sodisfatti ai fini ta' sejbien ta' ħtija u li huma s-segwenti:

1. *The contrectatio of a thing.*
2. *belonging to others.*
3. *made fraudulently.*
4. *without the consent of the owner.*
5. *animo lucrandi.*

[3] *'La contrettazione doloza della cosa altrui fatta in vito domino con animo di farne lucro.'*

18. F'dan il-każ is-serq huwa kontestat bħala kwalifikat bl-aggravji tal-mezz, tal-valur u tax-xorta tal-ħaġa misruqa.

19. L-aggravju tal-mezz jista' jsir b'diversi modi kif senjalati fl-artikoli 263, 264 u 265 tal-Kodiċi Kriminali fosthom bil-ksur, b-imfietaħ foloz u permezz ta' skalata.

20. L-aggravju tal-valur jirriżulta ai termini tal-artikolu 267 tal-Kodiċi Kriminali meta' l-effetti mobbli misruqa jeċċedu l-valur ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94).

21. Finalment għal dak li jirrigwarda l-aggravju tax-xorti tal-ħaġa misruqa, l-artikolu 271(g) tal-Kodiċi Kriminali jqis dan l-aggravju integrat meta s-serq isir *fuq xi vettura f'post pubbliku jew f'postaċċessibbli għall-pubbliku, jew fuq xi parti jewaċċessorju ta', jew fuq xi ħaġa li tkun ġo, dik il-vettura.*

22. Illi f'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni bniet it-teżi tagħha fuq il-ħtija tal-appellant in bażi għall-taqbil bejn l-impronti diġitali tal-appellant ma wħud minn dawk li nstabu fuq ix-xena tad-dellitt. Il-Prosekuzzjoni tqis li dawn l-impronti diġitali tal-appellant, b'mod partikolari dawk misjuba fuq in-naħa ta' ġewwa tal-ħġieġa tal-bieba tan-naħa tal-passiġġier misjuba f'kuntest fejn sid il-vettura jixhed li huwa ma kienx jaf lill-appellant – u b'hekk indikazzjoni li l-appellant qatt ma rikeb miegħu f'dik il-vettura – kienu jikkostitwixxi prova ċirkostanzjali univoka li fuqha Qorti ta'

Ġustizzja Kriminali setgħet tasal li ssib ħtija fl-appellant għas-serqa kommessa.

23. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Nazzareno sive Reno Zarb,***[4] intqal is-segwenti:

> Illi gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Anthony Abela" [28.5.1998] li l-prova tal-fingerprint ghandha tkun sufficjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova u legalment mhux necessarju li jkun hemm xi korroborazzjoni ta' din il-prova billi l-istess prova wahedha ghandha twassal ghall-htija tal-persuna akkuazta. Il-Qorti pero' kienet ghamlet distinzjoni bejn fingerprints li jinstabu f' postijiet pubblici bhal hwienet, knejjes, cinematografi, hwienet tax-xorb, diskoteki, ecc. li fihom imorru hafna nies u fingerprints li jinstabu f' xi dar ta' residenza. Il-Qorti qalet hekk fir-rigward :-
>
> "Kienet tkun haga ferm differenti li kieku l-post derubat kien xi residenza privata u jigi stabbilit li s-suspettat, li instabu l-impronti digitali tieghu fuq il-post, qatt ma kien dahal fih u li d-derubat qatt ma kien jafu jew li kien dahallu fir-residenza tieghu. F' dan il-kaz il-prova tal-fingerprints wahedha hija sufficjenti biex il-Qorti issib htija."
>
> Illi kif gie ritenut ukoll minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Vincent Calleja" [7.3.2002] il-ligi taghna ma tistabilix il-kriterji ta' numru ta' "matching points" jew "points of comparison" li ghandhom jinstabu fuq il-post tad-delitt jew xi repert iehor ma dawk tal-persuna suspettata. Fil-prattika pero' il- Pulizija ghall-biex tmexxi l-investigazzjoni ulterjorment il-quddiem, tistrieh fuq 9 points. Izda qabel ma tmur il-Qorti tkun trid li jkollha mill-inqas erbaghtax (14) il-"point of comparison" .
>
> BLACKSTONES - "CRIMINAL PRACTICE" (2001 edit.) (pagna 2311-2312) jghid testwalment hekk :-
>
> "Properly presented fingerprint evidence has long been accepted as providing sufficient identification, but, in a case which depends wholly on such evidence, it is clearly essential that the defendant is linked to the relative prints by admissible evidence (Chappell v DPP (1988) 89 Cr App R 82).Finger print experts used to seek at least 16 matching ridge characteristics between the suspect's print and the crime print before asserting that the prints come from the same person, but this has never been a strict legal requirement, and courts have a discretion to admit evidence based on fewer matching characteristics. See for example BUCKLEY (1999)

---

[4] Deċiża fil-31 t'Awissu 2006 mill-Imhallef Dr. Joseph Galea Debono.

163 JP 561 , in which the Court of Appeal upheld a robbery conviction following a trial at which the appellant was identified on the basis of a mere nine-point match. Rose LJ said :

"Finger print evidence , like any other evidence , is admissible .....if it tends to prove the guilt of the accused. It may so tend, even if there are only a few similar ridge characteristics, but it may, in such case, have little weight. It may be excluded in the exercise of judicial discretion, if its prejudicial effect outweighs its probative value....."

He added that Courts or judges would have to consider, before exercising this discretion, the experience and expertise of the witness presenting it, the number of similar ridge characteristics identified, the presence of any dissimilar characteristics, the size of the crime print ...and the quality and clarity of that print ... Rose LJ still considered it "highly unlikely" that anything less than an eight-point match could be acceptable, in the absence of exceptional circumstances. The latest guidelines on fingerprint analysis emphasise the primacy of subjective evaluation when determining whether prints can be said to match, and no longer specify a need for any particular number of matching ridge characteristics."

Fil-fatt it-tendenza l-aktar recenti fl-Ingilterra hi li numru ferm inqas minn 14 il-punt (li rrizultaw f'dan il- kaz) jista' jkun bizzejjed biex tigi stabilita l-identita' tal-persuna suspettata. Konsegwentement, l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li taccetta il-kriterju ta' "14 points of comparison" li skond l-esperta nstabu fuq ir-ritratt Dok. 920748000102.

Illi l-ARCHBOLD "Criminal Pleading , Evidence and Practice" (2001 edit.) (pagna 1348 ) jghid :-

""A person may be identified by fingerprints alone" : R. v Castleton , 3 Cr. App. R 74 CCA".

24. Fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Vincent Calleja***[5] imsemmi aktar il-fuq inghad:

Illi l-ARCHBOLD "Criminal Pleading, Evidence and Practice" (2001 edit.) (pagna 1348 ) jghid :-

"A person may be identified by fingerprints alone : R. v Castleton , 3 Cr. App. R 74 CCA". The National Fingerprint Standards were laid down in 1953. These require a match of 16 ridge characteristics on any one digit or,

[5] Deċiża fis-7 ta' Mejju 2002 mill-Qorti tal-Appell Kriminali ppreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

where prints are uplifted from two digits, not less than ten matches for each digit . However, the current consensus of experts is that these standards are too exacting." u umbaghad jiccita il-principji enuncjati fil-kaz ta' R v Buckley fuq citat fil-Blackstone's.

25.Fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Noel Frendo,*** deċiż nhar it-30 ta' Diċembru 2004 intqal hekk : -

L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja – "circumstantial evidence" – li kif qal Lord Salmon fil-kaz ***DPP v. Kilbourne*** [1973] AC 729, p. 758 *"...works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities."* Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku – il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac- cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall- anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat. Hekk, per ezempju, impronta misjuba f'bank fil-parti fejn il-pubbliku ghandu access u meta jirrizulta li l-imputat kien jiffrekwenta dak il- bank ftit li xejn tista' sservi ta' prova kontra dak l-imputat jekk huwa jigi akkuzat b'serq minn dak il-bank. L-istess ma jistax jinghad, pero`, jekk dik l-impronta tinstab fuq il- bieb ta' l-i*strongroom* tal-bank fejn l-impjegati tal-bank biss jistghu jidhlu u meta l-imputat ma hux tali impjegat u ma jirrizultax li qatt kellu ghalfejn jersaq lejn dak il-bieb.

26.Fis-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Spiteri***[6] mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002 ġie ddikjarat is-segwenti:

Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna,

[6] Ippreseduta mill-Imħallfin Arrigo, Filletti u Vella.

jikkonvinci lill-gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.

L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.

Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.

27.Madankollu skond is-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Cyrus Engerer*** ġie ppuntwalizzat ukoll illi:

Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta’ dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b’mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta’ univocita’.[7]

***Ikkunsidrat:***

28.Illi qabel xejn jirriżulta, skont il-kwerela magħmula minn Nazzareno Busuttil, nonche mix-xiehda tiegħu u dik tal-Ispettur

[7] Deċiża mill-Imħallef Michael Mallia nhar it-8.5.2014.

Mercieca, nonche ta' PS518 Anthony Degiovanni li fid-data u lok imputati kienet seħħet is-serqa minn vettura bil-mutur, li kienet imsakkra u li ġiet sgassata waqt li kienet parkeġġjata fi triq pubblika. Il-valur tal-effetti mobbli misruqa, diversi biċċiet ta' għodda kienu jaqbżu l-mitejn tnejn u tletin euro erba' u disgħin ċenteżmu (€232.94) in kwantu sidhom stqarr li kienu jiswew madwar seba' mija u ħamsin euro (€750). Il-ħalliel aċċeda għall-intern tal-vettura billi żgassa s-serratura tal-bieba. Din il-ħsara ma kienetx taqbeż il-ħamsin euro (€50). Jiġifieri, tresqet il-prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni tas-serqa kwalifikata bil-mezz, valur u xorta tal-ħaġa misruqa, nonche l-ħsara volontarja fuq is-serratura tal-bieba tal-vettura – liema ħsara pero kienet intiża bħala mezz għall-fini sabiex tkun tista' titwettaq din is-serqa. Ma kienx hemm provi ta' ħsarat oħra kaġunati lil din il-vettura.

29. Illi kwistjoni nevralġika tibqa' jekk u safejn il-kumplament tal-provi jorbtu lill-appellant mat-twettieq ta' din is-serqa u l-ħsara volontarja. L-appellant ċaħad kwalunkwe involviment mas-serqa jew il-ħsara. Ma kienx hemm xiehda okulari jew evidenza oħra li tidentifika lill-appellant mat-twettieq tas-serqa għajr ħlief l-impronti diġitali tiegħu misjuba kif imsemmi aktar il-fuq – miġbura minn PS 239 Joseph Caruana kif imsemmija fir-relazzjoni tiegħu a fol 38 et seq kif ukoll mir-relazzjoni tal-espert Joseph Mallia eżebita a fol 55 et seq.

30. Mill-komparazzjoni magħmula minn Joseph Mallia bejn l-impronti li ġew elevati mill-vettura tal-kwerelant dakinhar stess li saret il-

kwerela dwar is-serqa mal-impronti tal-appellant elevati *seduta stante* mill-istess espert, irriżulta taqbil bejn aktar minn impronta waħda. L-impronta 13AZF301 li tiġbor fiha żewġ impronti diġitali, fejn waħda minnhom irriżultat li ma kienetx tajba għall-fini ta' komparazzjoni filwaqt li l-oħra kienet identika mas-seba' tan-nofs ta' id ix-xellugija tal-appellant.

31. In oltre, l-impronta mmarkata 13AZF302 kienet tiġbor tlett impronti fiha fejn l-ewwel u t-tieni impronti ġew ikkumparati u għalhekk ġew magħmula mis-seba' l-werrej u s-seba' tan-nofs tal-id il-leminija tal-appellant.

32. Irriżulta illi l-impronta 301 instabet fuq il-bieba tax-xufier fuq barra. Iżda l-impronta 302 instabet **<u>fuq il-ħġieġa tax-xufier fuq in-naħa ta' ġewwa</u>**.[8]

33. Di piu' skond id-deposizzjoni tad-derubat Nazzareno Busuttil, jirriżulta li dan ma kienx jaf min hu l-appellant, u qatt ma rikbu fil-vettura tiegħu.

34. Fl-istqarrija tal-appellant, li ma ġiet ikkontestata f'ebda mod, l-appellant jiċħad kategorikament illi hu kien responsabbli għal din is-serqa mingħajr ma jelabora ulterjorment.

35. B'hekk ir-raġuni għalfejn l-impronti tiegħu instabu kemm fuq barra kif ukoll fuq ġewwa tal-vettura misruqa meta dawn ġew elevati

[8] Ara r-rapport tal-espert Mallia redatt u mmarkat bħala Dok JM a folio 58 et seq tal-proċess.

mill-Pulizija dakinhar stess li Busuttil irraporta s-serqa in kwistjoni, ma ġiet ġustifikata jew spjegata f'ebda mod.

36. Il-fatt waħdu però illi d-derubat iddikjara mingħajr tlaqliq illi hu ma kienx jaf lill-appellant u illi dawn l-impronti nstabu anki fuq ġewwa tal-vettura in kwistjoni, hija, fil-fehma ta' din il-Qorti prova suffiċjenti u sal-grad rikjest mill-Liġi, nonche mill-ġurisprudenza aktar il-fuq imsemmija, li tindika r-responsabbilta' tal-appellant għar-reati formanti l-mertu ta' dawn il-proċeduri.

37. Bir-rispett lejn is-sottomissjonijiet tal-appellant, kien jispetta lilu li semmai illi jeskludi r-responsabbilta' tiegħu almenu sal-grad tal-probabbli. Ried ikun konvinċenti meta jargumenta li kien xi darba rikeb fil-karrozza tal-kwerelant - kif donnu indika fir-rikors tiegħu. Biss din l-allegazzjoni qatt ma kienet tressqet qabel. Huwa kien sempliċiment ċaħad l-involviment tiegħu fis-serqa meta ġie mitkellem fl-istadju inizjali tal-investigazzjonijiet. L-allegazzjonijiet li għamel hu kellu jippruvahom sal-grad tal-probabbli. Iżda f'dan il-każ, ix-xhieda tad-derubat kif ukoll il-prova tal-impronti diġitali tal-appellant misjuba internament magħquda flimkien joħolqu preżunzjoni ta' fatt bil-wisq b'saħħitha kontra tal-appellant u li flimkien joħolqu prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li kien hu l-artefiċi tas-serqa de quo.

38. Għal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni, jirriżulta li minn dak illi xehed id-derubat, nonche mix-xiehda tal-Ispettur Mercieca u s-Surġent Degiovanni, l-vettura derubata kienet ġiet sgassata sabiex isir is-serq mertu tal-ewwel imputazzjoni. Din il-Qorti hija

soddisfatta li dan ir-reat ta' ħsara volontarja ġie mwettaq mill-appellant sabiex huwa jkun jista' jisraq minn ġewwa din il-vettura.

39. In oltre ma saret l-ebda kontestazzjoni dwar il-kwantum ta' ħsarat inkorsi jew tar-res furtiva.

40. Finalment jirriżulta li ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-addebitu tar-reċidiva. Biss din il-Qorti tqis li biex issir ġustizzja, trid tippuntwalizza s-segwenti :

41. Jirriżulta li ġew eżebiti żewġ sentenzi mill-Ispettur James Grech. Din il-Qorti hija soddisfatta li mis-sentenza a fol 115 jirriżultaw kemm il-kopja awtentika ta' dik is-sentenza, kif ukoll il-konnotati identiċi għal dawk tal-appellant. Jirriżulta li l-piena inflitta kienet waħda karċerarja u pekunjarja, u liema sentenza ingħatat fit-13 ta' Lulju 2009. Biss għalkemm l-Ispettur Mercieca kien ħalef l-imputazzjoni li tgħid li l-appellant kien reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u li ma jistgħux jinbidlu, il-Prosekuzzjoni naqset milli tindika liema minn dawn is-sentenzi fil-fatt kienu finali fil-mument meta kien ġie kommess id-delitt. Bid-dovut rispett lejn il-Prosekuzzjoni daqskemm huwa importanti li jiġu preżentati kopji ta' sentenzi awtentiċi, nonche li jkollhom prova tal-identita tal-imputat ma dik tal-appellant, daqstant ieħor huwa meħtieġ li jiġi pruvat ukoll, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li fil-mument meta jkun ġie kommess ir-reat, is-sentenza preżentata in reċidiva kienet *res iudicata*. F'dan il-każ din il-prova ma tresqitx, daqskemm ma tresqitx il-prova meta, skont l-artikolu 50 tal-Kodiċi

Kriminali, il-ħati jkun skonta jew ġiet maħrufa l-piena tiegħu għall-fini tad-dekorrenza tat-termini hemmhekk imsemmija.

42. Ir-reċidiva huwa istitut li jista' jżid il-piena tal-appellant, fil-każ li tiġi pruvata. U in kwantu tali huwa importanti li l-Prosekuzzjoni tifhem li l-prova tar-reċidiva trid titressaq fl-elementi kollha tagħha bl-istess grad ta' suffiċjenza probatorja inkombenti fuq il-Prosekuzzjoni, in kwantu tkun qegħda taddebitaha lil imputat fi proċeduri penali.

43. Illi kwantu għas-sentenza eżebita a fol 119, jirriżulta li s-sitwazzjoni legali dwarha hija agħar in kwantu l-eżitu ta' dik is-sentenza kienet ordni ta' probation għal perjodu ta' tliet snin. Skont l-artikolu 25 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta :

> bla ħsara għal dak hawn iktar 'il quddiem provdut, dikjarazzjoni ta' ħtija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taħt dan l-Attli bih il-ħati jitqiegħed taħt sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-ħati għal kollox jew kondizzjonalment għandha titqies bħala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' ħtija għal ebda fini li jkun, minbarra –
> (a) il-finijiet tal-proċeduri li fihom issir l-ordni u ta' kull proċedura sussegwenti li tista' tittieħed kontra l-ħati taħt id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att...

44. Mistqarr dan kollu, din il-Qorti xorta waħda tqis li l-appellant huwa reċidiv fit-tifsira tal-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali. Biss minn qari tal-fedina penali tiegħu, il-Prosekuzzjoni kellha l-imbarazzo della scelta u setgħet ukoll preżentat sentenzi awtentiċi oħra minbarra dawn it-tnejn u li fuqha setgħet issaħħaħ it-teżi tagħha tar-reċidiva speċjali fit-termini tal-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali.

***Ikkunsidrat : -***

45. Illi kwantu għall-piena li għandha tiġi inflitta, għall-ewwel reat, bl-aggravji kif mressqa huwa regolat skond l-artikoli 279(a), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali fejn skond il-komputazzjoni magħmula minn din il-Qorti skond dawn id-disposizzjonijiet u b'referenza għall-artikolu 278(3), l-inqas piena li tista' tingħata għall-ewwel imputazzjoni kontra l-appellant huwa ta' tlettax-il xahar u dsatax il-jum xhur bil-massimu ta' erba' snin priġunerija effettiva.[9]

46. Mill-banda l-oħra għal dak li jirrigwarda t-tieni mputazzjoni din hija regolata skond l-artikolu 325(c) tal-Kodiċi Kriminali fejn il-piena mponibbli hija ta' mhux aktar minn sitt xhur priġunerija.

## *Decide:*

Għall-motivi premessi u wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 31, 49, 261(b)(c)(g), 263, 267, 271, 278(3), 279(a), 280(2), 325(1)(c) u 533 tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti qegħda ssib lil Stephen Zammit ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, b'dan li għall-fini ta' piena ir-reat taħt it-tieni imputazzjoni għandu jiġi meqjus assorbit fir-reat imputat taħt l-ewwel imputazzjoni,

[9] Piena miżjuda bi grad u li ma jingħatax fil-minimum tiegħu fid-dawl ta' dak dispost fl-artikolu 278(c) u dan skond id-dettami tal-artikolu 280(2) tal-Kodiċi Kriminali.

kif ukoll li l-appellant qed jitqies bħala reċidiv ai termini tal-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk tikkundannah għall-piena ta' għoxrin (20) xahar priġunerija.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti tordna lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż peritali fis-somma ta' sitt mija u euro tmienja u ħamsin ċenteżmu ewro (€601.58).

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***